MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 17/2013

Avviz Numru 17/2013JD

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Lorraine Attard, mart Francis Saliba**

Il-Qorti,

Rat li permezz ta' dan l-avviz is-socjeta' attrici ppremettiet hekk:

(1) Illi l-intimata hija debitrici, in solidum u flimkien ma' zewgha Francis Saliba, fil-konfront tal-Bank fl-ammont komplessiv ta' elfejn mitejn u disgha u hamsin euro u erbgha u sittin centezmu (€2,259.64) bhala bilanc fuq il-kont kurrenti Nru 071-085278-340, qabel- 071-085278-001, li minnhom is-somma ta' elf tmien mija u disgha u hamsin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,859.28c) kapital u erba' mitt Euro u sitta u tletin centezmu (€400.36c) imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett sal-erbgha ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013) salvi interessi ulterjuri b'effett minn din id-data;

(2) Illi dan il-kont huwa mizmum f'isem Francis Saliba u Lorraine Saliba konguntament bejniethom, u l-esponenti kien talab ir-rifuzjoni tal-ammont dovut lilu bis-sahha ta' ittra ufficjali fit-termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ipprezentata fit-30 ta' Marzu 2012, u debitament innotifikata lit-tnejn li huma; imma filwaqt li Francis Saliba ma kkontestax it-talba Lorraine Saliba ipprezentat nota sabiex tikkontesta l-ammont dovut minnha u ghalhekk innecessitat il-procedura odjerna;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din il-qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuta hija debitrici fil-fonfront tal-HSBC Bank Malta plc in solidum ma' zewgha Francis Saliba, fl-ammont komplessiv ta' elfejn mitejn u disgha u hamsin euro u erbgha u sittin centezmu (€2,259.64) kif fuq spjegat;

2. Tikkundannaha thallas dan l-ammont flimkien ma' l-interessi ulterjuri b'effett mill-erbgha (4) ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-tletin (30) ta' April tal-elfejn u tnax (2012), numru 28/2012 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Lorraine Attard li permezz taghha eccepiet:

1. Illi hija qed tikkontesta t-talba attrici stante li fil-konfront taghha l-istess talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi inter alia l-ammont mitlub mhux dovut minnha peress illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejnha u bejn zewgha Francis Saliba tali dejn gie assunt fl-intier tieghu mill-istess Francis Saliba tant illi l-istess Francis Saliba ammetta l-istess dejn billi huwa ma kkontestax l-ittra ufficjali taht l-art 166A li giet pprezentata precedentement ghal dawn il-proceduri u kwindi l-Bank attur ghandu titolu ezekuttiv kontra l-istess Francis Saliba.

2. Illi fit-tieni lok l-esponenti teccepixxi l-beneficcju tal-eskussjoni tad-dejn fissens illi hija m'ghandha tigi obbligata thallas ebda parti mill-istess izda se mai tali dejn ghandu jithallas minn Francis Saliba mill-assi tieghu personali.

3. Illi fi kwalunkwe kaz una volta l-Bank attur gja ghandu titolu ezekuttiv kontra Francis Saliba in rigward dan id-dejn m'hemmx htiega tal-odjerni proceduri u ghalhekk l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza talgudizzju.

4. Salv jekk ikun il-kaz risposti, ossia, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit ipprezentat mis-socjeta' attrici.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-ammont mitlub gie pruvat u jirraprezenta ammont li gie moghti lill-konvenuta u lil zewgha fuq facilita' ta' overdraft account.

Jirrizulta wkoll li ntbaghtet ittra ufficjali a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12 li ma gietx kontestata minn Francis Saliba izda l-konvenuta kkontestata u kwindi kien ghalhekk li ssocjeta' attrici kellha tipprocedi bil-procedura odjerna.

Illi l-konvenuta ssostni li dan l-ammont mhux dovut minnha u dan billi fil-kuntratt ta' separazzjoni bejnha u Francis Saliba zewgha assuma tali dejn fl-intier tieghu. Apparti l-fatt li l-kuntratt ta' separazzjoni nnifsu ma giex prezentat pero' jinghad li anki kieku gie prezentat dan ma setax ikun ta' ghajnuna ghat-tezi ta' l-istess konvenuta. Infatti tali kuntratt ta' separazzjoni huwa *res inter alios acta* ghas-socjeta' attrici stante li l-istess socjeta' attrici ma kinitx firmatarja ta' l-istess u kwindi ma jaghmilx stat fil-konfront taghha.

Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta li dak premess mis-socjeta' attrici gie ampjament ippruvat.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u

1. Tiddikjara li l-konvenuta hija debitrici fil-konfront tal-HSBC Bank Malta plc in solidum ma′ zewgha Francis Saliba, fl-ammont komplessiv ta′ elfejn mitejn u disgha u hamsin euro u erbgha u sittin centezmu (€2,259.64) kif fuq spjegat;

2. Tikkundannaha thallas dan l-ammont flimkien ma′ l-interessi ulterjuri b′effett mill-erbgha (4) ta′ Ottubru elfejn u tlettax (2013) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-tletin (30) ta′ April tal-elfejn u tnax (2012), numru 28/2012 a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------